MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 681/2003

**Decathlon Training Services Limited**

**Vs**

**Anton Baldacchino**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm140.50c (mija w erbghin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc minn somma akbar fuq fattura datata 29 ta’ Mejju, 2001 in konnessjoni ma’ l-attendenza da part tal-konvenut ta’ kors moghti mis-socjeta’ attrici ta’ taghlim ta’ *Microsoft Word ‘97* u *Microsoft Excel ‘97* u bejgh ta’ *Course Manuals*.

Bl-ispejjez ta’ l-Avviz tat-talba (salv id-dritt ta’ l-avukat) u bl-imghaxijiet mid-data ta’ hrug tal-fattura sad-data tal-pagament effettiv flimkien ukoll ma’ l-ispejjez ta’ l-ittra nterpellatorja datata 20 ta’ Frar, 2003 ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talba attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------